MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 125/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici li giet prezentata fit-23 ta' April 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut nhar is-16 ta' April 1988 (Dok. "A");

Illi l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja mizzewga u l-kunsens tieghu kien vizzjat b'difett serju fid-diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga jew id-drittijiet essenzjali li johorgu minnha;

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b’qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bl-ezekuzzjoni taz-zwieg innifsu;

Illi li l-konvenut issuggetta l-kunsens tieghu ghal xi kundizzjoni fil-futur;

Illi l-konvenut fiz-zmien li sar iz-zwieg ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzjoni ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-16 ta’ April 1988 (Dok. “A”) huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fid-19 ta’ Lulju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-partijiet sabiex jipprezentaw x-xhieda kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit u dan kollox fit-termini ta’ l-istess digriet.

Rat li l-konvenut gie notifikata personalment bl-avviz tas-smigh tal-kawza skond riferta datata 5 ta' Awissu 2004 mill-Marixxal Mario Genius a fol. 11 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 17 ta' Dicembru 2004 a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi jekk hemm lok ghall-annullament taz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-16 ta' April 1988 *ai termini* tal-**Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol.13 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** datata 17 ta' Dicembru 2004 a fol. 15 fejn gie premess;

Illi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi ruhu mic-citazzjoni kontra tieghu mill-attrici sabiex jipprezenta l-kontro-talba;

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' April 1988 fil-Knisja Parrokjali ta' Gwardamangia, meta l-kontendenti kellhom erbgha u ghoxrin (24) sena u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Illi l-kontendenti sseparaw *'de facto'* fis-sena 2001 u sussegwentement isseparaw legalment fil-5 ta' Novembru 2003 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara;

Illi l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *in oltre,* il-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess attrici illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-attrici ssimulat l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg;

Illi l-istess konvenut rikonvenzjonat talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' April 1988, fil-Knisja Parrokjali ta' Gwardamangia u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-attrici illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 16 tal-process;

Rat li n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talba tieghu gew notifikati lill-attrici fit-22 ta' Dicembru 2004 gol-indirizz indikat u dan skond riferta relattiva *a tergo* ta' fol. 18 tal-process.

Rat li l-konvenuta ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenut.

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar 2005 fejn dehret Dr. Tanya Sammut ghall-konvenut prezenti li ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici. Il-Qorti kkonfermat ghall-ahhar darba d-digriet tad-19 ta' Lulju 2004 dwar l-affidavits tal-partijiet. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex wara t-terminu tal-affidavits jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Mejju 2005.

Rat ir-rikors datat 24 ta' Frar 2005 fejn il-konvenut talab li l-Qorti toghgobha tillibera lix-xhieda mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistghu jixhdu dwar il-file mediku tal-attrici.

Rat id-digriet moghti fil-25 ta' Frar 2005 a fol. 22 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota datata 4 ta' Marzu 2005 li permezz taghha l-konvenut **B** pprezenta l-affidavit tieghu stess a fol. 36 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-8 ta' Marzu 2005 fejn xehed Dr. Joseph Vella Baldacchino in rapprezentanza ta' l-Isptar San Luqa kif ukoll ta' l-Isptar Monte Carmeli a fol. 42 sa fol. 48 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-3 ta' Mejju 2005 fejn xehed Albert Degiorgio in rapprezentanza tal-YMCA a fol. 54 sa fol. 55 tal-process.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia a fol. 56 tal-process.

Rat li la l-konvenuta u lanqas id-difensur taghha ma dehru ghall-ebda seduti quddiem l-Assistant Gudizzjarju.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju 2005 fejn Dr. Tanya Sammut ghall-konvenut prezenti talbet li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza. L-attrici u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ghalhekk laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visto jew notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat id-digriet datat 22 ta' Lulju 2005 fejn innotat li d-data taz-zwieg indikata fil-kontro-talba tal-konvenut hija zbaljata *stante* li d-data ta' l-istess giet citata bhala dik tas-16 ta' April 1998 minflok dik tas-16 ta' April 1988 u ghalhekk tordna l-korrezzjoni ta' l-istess data fl-atti ta' l-istess kontro-talba, kemm premessi u kemm fit-talba tal-konvenut ghall-istess rikonvenzjoni tieghu b'mod li s-sena

"1998" tigi sostitwieta bis-sena "1988" u tordna wkoll li ssir tali korrezzjoni fl-atti kollha ta' l-istess kontro-talba u atti relattivi u dan *stante* li mic-citazzjoni attrici u mic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet jidher li d-data taz-zwieg bejn il-partijiet hija dik tas-16 ta' April 1988 – Dok. "A" a fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici l-ewwel issottomettiet li z-zwieg bejnha u bejnu l-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**Artikolu 19 (1):** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa immaterjali jekk tali qerq jorrigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa importanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok

ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawza li giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

**"***kieku dak il-***paragrafu 19 (1) (c)** *gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-***artikolu 981 tal-Kodici Civili** *li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot.**

**-** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **“Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee’ Ignacakova”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**“Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et”** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta’ dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici  tissottometti wkoll li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet. L-istess artikolu jghid li:-

*“(d)  jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ **Viladrich**:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and*

*duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(Viladrich, P.J., *"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."*** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-*

*kunsens matrimonjali* ***(“Isabelle Zarb vs Stephen Attard”*** *– P.A. 21 ta’ Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta’ inkompatibilta’ ta’ karattru, jew ta’ decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar “anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”. Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom”.*

Illi ghalhekk b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **(“Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana”** – P.A. (VDG) tal-25 ta’ Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ “discretio judicii” hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia “foedus” ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una “servitus” per tutta la vita”* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja` nghad, b’immaturita` jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *“non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto*

*equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* **(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995)".

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* ***("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt",*** *P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti,

u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri*

*contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e* irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad *esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnhekk il-Qorti, kif qalet fil-kawza **"Trudel Camilleri Balzan vs Wayne Camilleri"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2003, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di*

*scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (**Pompedda, M.F., "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif inghad fis-sentenza **"Carmelo Farrugia vs Josephine Haber"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002) *"il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku* ***{Can. 1095 (3)}*** *tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "di intendere e/o di volere".*

*"L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale", jghid* ***Bersini****, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma anke skond is-sentenza **"Angel Spiteri vs Joseph Spiteri"** (P.A. 4 ta' Novembru 1994) *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the*

*community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (**Viladrich, P.J**., op. cit., *p. 687*).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita’ bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP).

Illi l-istess attrici tirreferi wkoll li l-kunsens taghha u tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta' l-**srtikolu 19 (1) (f)** fejn jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

"*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru.

3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

“*Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*”.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u “**Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi l-istess attrici ibbazat l-azzjoni taghha almenu skond ic-citazzjoni attrici skond dak indikat fl**-artikolu 19 (1) (g)** li jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*“(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur”.*

Illi l-attrici tghid li l-kunsens tal-konvenut hekk kien vizzjat u ghall fini ta’ din il-kawza jinghad li dwar l-**artikolu 19 (1) (g) J. Edward Hudson** isostni u jtenni li *“a condition could either be suspensive or resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. “I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you”* (**“Handbook II for Marriage Nullity Cases”** pg. 107).

Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kondizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta’ annullament taz-zwieg jekk din il-kondizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

Illi min-naha tieghu l-konvenut jaqbel li hemm kaz ta’ annulament taz-zwieg izda biss minhabba li l-kunsens ta’ l-attrici kien vizzjat abbazi ta’ **l-artkolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti biss mill-konvenut jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-16 ta’ April 1988 u dan wara li saru jafu lil xulxin biss ftit xhur qabel ghall-habta’ ta’ Novembru 1987 meta l-istess partijiet iltaqghu meta l-konvenut kien jattendi bhala volontier fl-ghaqda ta’ l-YMCA. Jidher li l-attrici kienet tmur fl-istess ghaqda biex tircievi l-ghajnuna u dan kif jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta’ l-President ta’ dak iz-zmien Albert Degiorgio li anke xehed f’din il-kawza.

Illi jirrizulta li l-attrici kienet tghix wahedha l-Isla u kienet bla impjieg u residenti fl-istess ghaqda sakemm giet provduta post mill-Housing li l-istess konvenut bhala volutier kien jghina biex tirranga. Il-konvenuta ghalkemm kellha diversi ahwa ma jidhirx li kellha kuntatt mal-familja taghha u jidher li l-partijiet qabbdu hbiberija intima tant li minkejja li l-istess Albert Degiorgio wissa’ lill-konvenut biex ma jghagilx, jidher li l-konvenut injora dan kollu. Huwa sinfikanti li jinghad li l-istess Albert Degiorgio jghid li huwa kien *social worker* u l-attrici kienet riferuta ma’ ghaqda u huwa kien jafha bhala klijenta u dan ghaliex l-istess attrici jidher li kellha kaz relattat ma’ sahha mentali, tant li kellha tiehu l-kura minhabba l-istess minn 1985 u kienet pazjenta ta’ Dr. Abram Galea. Ghalkemm jidher li l-istess xhud kien jaf b’dan kollu ma jidhirx li qal b’xejn minn dan lill-konvenut hlief li fil-fatt qal lill-konvenut sabiex ma jaghgilx anke peress li kien hemm dan il-kaz dwar l-istess attrici – jghid l-istes xhud li ma’ qal xejn dwar dan lill-konvenut peress li huwa kien marbut bhala social worker bis-sigriet professjonali. Qallu pero’ *“sabiex ma’ jorbotx ruhu maghha. Fil-fatt sa dan iz-zmien ma kienx jaf x’kien hemm dwar A. Ghidtlu li ma’ kinitx toghod ghalih”.*

Illi minkejja dan kollu jirrizulta li l-istess partijiet kellhom anke relazzjonijiet intimi tant li kawza ta' l-istess l-konvenut jghid li l-attrici qaltlu li kienet inqabdet tqila u allura minhabba dan kellhom jizzewgu u jekk ma jsirx hekk kienet lesta li tikkometti suwicidju; din l-informazzjoni giet moghtija mill-attrici lill-konvenut f'Marzu 1988 u l-konvenut jghid li huwa hass li ma kellhux triq ohra hlief li jizzewweg lill-attrici u fil-fatt dan iz-zwieg sar f'April 1988 u cjoe' fi kwistjoni ta' granet minn meta l-konvenut kellu din l-ahbar u wara biss ftit xhur li sar jaf lill-attrici.

Illi ftit jiem wara z-zwieg l-attrici nformat lill-konvenut li ma kinitx tqila u f'dan l-istess zmien huwa sar jaf li l-attrici kienet ilha tiehu kura psikjatrika u kienet tiehu injezzjonijiet u anke kalmanti u kienet anke taht il-kura ta' Dr. Abram Galea, li kien qal lill-istess konvenut li l-attrici kienet ilha taht il-kura tieghu xi sentejn jew tlieta qabel iz-zwieg tieghu maghha. Wara dan iz-zmien l-istess attrici baqghet kontinwament taht kura psikjatrika u dan anke kif xehed Dr. Joseph Vella Baldacchino bhal rappresentant ta' l-Isptar San Luqa u Monte Carmeli fix-xhieda tieghu tat-8 ta' Marzu 2005 fejn jidher li l-istess konvenuta kienet tbati minn diversi fazi ta' dipressjoni tant li kienet dahlet bhala *casualty fis-psychiatric unit* f'Gunju 1996; kienet ukoll tbati minn stadji ta' dipressjoni inkluzi l-istat ta' *acute anxiety state* u dan anke sa minn Novembru 1987. Dr. Joseph Vella semma' diversi kura li l-attrici kellha tiehu minhabba dipressjoni u jghid li din aggravat anke minhabba dak li l-istess attrici kienet allegat mieghu bhala trattatament hazin minn zewgha anke minhabba li hija allegat li l-konvenut kien jabbuza mill-alkohol; jidher li fil-fatt bejn il-partijiet ir-relazzjoni taghhom saret vjolenti u l-istess attrici kienet rikoverata fl-Isptar ghall-kura inkluz minhabba stat ta' *formal though disorder* u stat konfuzzjonali u l-istess xhud jispjega l-kura li l-istess attrici kellha tiehu minhabba l-istat tas-sahha mentali taghha aggravat b'serjeta' minhabba l-inkwiet matrimonjali anke ghal dipressjoni akuta u wkoll *breakdown* ta' l-attrici. L-istess attrici jidher li kienet tbati wkoll minn *b' polar mood disorder* u *manic depressive psychosis* u kellha *frequent relapses* li

certament li l-inkwiet li kienet ghaddejja minnu ma’ ghenx. Ghall-aktar dettal issir referenza ghall-istess xhieda.

Illi dan wassal ukoll ghat-tbatija ghat-tfal tal-kontendenti u ghall-kazi ta’ vjolenza anke fuq il-konvenut fejn huwa jallega li fis-sena 1996 huwa kien attakat minnha b’sikkina u hija damet sentejn fl-Isptar Monte Carmeli. Kienet harget care order fuq it-tfal tal-kontendenti u wkoll wara l-kura u l-kustodja ta’ l-istess ulied spiccat ghand il-konvenut u jidher li wara kazi serji ohra l-attrici kienet telqet mid-dar f’Gunju 2002 u l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 5 ta’ Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Ivan Barnara ghalkemm il-konvenut jallega li kienu ilhom separati fattwalment mis-sena 2001.

Illi din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz gie ppruvat li l-attrici kellha anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taghha taz-zwieg u dan huwa ppruvat b’mod mill-iktar konkludenti mix-xhieda tal-konvenut u mix-xhieda ta’ Albert Degiorgio u ta’ Dr. Joseph Vella Baldacchino. Jidher li l-attrici kienet isofri minn kondizzjoni mentali tali li kien impossibbli ghaliha li tifhem l-konsegwenzi tal-hajja mizzewga u wkoll kienet impeduta li tkun tista’ taqdi l-elementi essenzjali ta’ l-istess. Ghalhekk il-kunsens ta’ l-attrici f’dan ir-rigward kien vizzjat minhabba l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi din il-Qorti thoss li kunsens tal-konvenut kien ukoll ivvizjat peress li huwa kien imqarraq bil-kwalitajiet ta’ l-attrici u fil-fatt jirrizulta bic-car li l-konvenut izzewweg lill-attrici peress li hija kienet qaltlu li kienet tqila minnu u wkoll peress li huwa ma kienx jaf li l-attrici kienet qed tiehu kura ghall-istat mentali li kienet issofri minnu u ghalhekk il-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** u f’dan l-kuntest l-attrici qarqet bih – ghaliex ma’ qaltlux il-verita’ kollha fuqha – fatti li kieku kien jaf bihom l-konvenut zgur li ma kienx jizzewweg meta zzewweg.

Illi din il-Qorti thoss li fuq binarju kompletament differenti l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat peress li jidher li

kien infattwat bil-konvenuta u dan jidher car meta huwa bhala voluntier fl-ghaqda tal-YMCA huwa kellu relazzjoni ma' persuna li kienet qed tghix hemm minhabba l-problemi li kellha u fil-fatt kienet sa' certu punt klijenta ta' l-istess ghaqda; jidher li tant kien infattwat il-konvenut ma' l-attrici li minkejja li huwa kien voluntier fl-istess ghaqda u l-attrici kienet qed tiehu l-ghajnuna mill-istess dan ma waqfux milli jkollu relazzjonijiet anke intimi ma' l-attrici u dan minkejja t-twisijiet tal-President ta' l-istess ghaqda u dan juri nuqqas ta' maturita' gravi *da parte* tal-konvenut u nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, tant li xorta kompla b'din ir-relazzjoni u ma tax kaz it-twissijiet li saru lilu minn kulhadd, inkluz mill-familjari tieghu u ghalhekk il-kunsens tal-konvenut kien f'dan is-sens vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u dan biss fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess u deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-16 ta' April 1988 (Dok. "A") huwa null u bla effett *stante* li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** bil-mod fuq indikat filwaqt li dak tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja ta' l-attrici ghall-istess kontro-talba, **tilqa' l-istess kontro-talba** tal-konvenut biss fis-sens hawn deciz u dan illi kif gja inghad konsegwenti ghac-citazzjoni attrici b'dan illi:-

(1). Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' April 1988, fil-Knisja Parrokjali ta' Gwardamangia *stante* li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat

abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** bil-mod fuq indikat filwaqt li dak tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez tal-kontro-talba wkoll jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------